# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* — IT-TIELET KTIEB TA' L-1929

## IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI —

### XI JEDD U XI DMIR

Wara l-ħarġa ta' l aħħar numru ta' "IL-MALTI" waslilna xi ferħ, m'hux biss minn Malta, iżda wkoll minn barra, għaliex b'dak in-numru "IL-MALTI" daħal fil-ħames sena ta' ħajtu.

Nistħajjel igħidu xi wħud: "Kmieni bdew bil-ferħ! Ħajja ta' erba' snin u bidu ta' ħamsa ma fihomx x'tifraħ."

Hekk hu, f'xi pajjiżi fejn il-ħajja tal-għaqdiet letterari jitkejlu bil-ħamsinijiet u bil-mijiet tas-snin, ħajja ta' ħames snin qasira bosta u dak il-ferħ ma jħsser xejn: iżda hawn Malta, fejn l-ebda għaqda li twaqqfet biex tifli, tifhem, torqom u tħaddem il-Lsien Malti ma żammet aktar minn sena jew tnejn, dak il-ferħ isarraf, u jsarraf ħafna.

Għaliex, la darba l "Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" tawlet aktar minn ta' qbilha kollha, u għadha sejra qawwija, għandna nifhmu li s-sisien li fuqhom inbniet huma xi daqsxejn aħjar minn ta' l-oħrajn, u l-materjal

li ntagħżel għall-bini tagħha hu tajjeb ukoll. Jati xhieda ta' dan "IL-MALTI" li hu milqugħ tajjeb, jekk mhux minn kul-ħadd għallinqas minn dawk kollha li fil-partita jifhmu xi ħaġa, u li ma għandhomx xi raġuni barranija biex iħarsu lejh biċ-ċiera.

Din il-Għaqda, għaldaqshekk, il-lum rabbiet bħal jedd li tibqa', u dan il-jedd iġib miegħu jedd ieħor, li il-kelma tagħha tkun mismugħa. Dan ma jfisserx illi kull ma qalet il-Għaqda ma jista' jmerih ħadd, anqas ma jfisser li aħna tal-Għaqda ma nistgħux nitqarrqu fil-fehmiet tagħna u jkollna għada, pitgħada, inbiddlu dak li għidna u ktibna; le, ifisser illi fil-kwistjonijiet fuq il-lsien malti—l-iżjed fuq l-Ortografija tiegħu—il-kelma tal-Għaqda għandha tkun milqugħa bħala kelma maħsuba, bħala kelma li tiżen, u li dak li qatgħet u għamlet sa issa l-Għaqda ma għandux jaqa' jew jitbiddel addoċċ, iżda biss bil-ftehim tagħha jew ma' l-Awtoritajiet tal-Pajjiż, jew ma' awtoritajiet letterari magħrufa.

Iżda jekk il-jedd li rabbiet il-Għaqda li tibqa', iġib miegħu li kelmitha tkun mismugħa, iġib minn naħa l-oħra d-dmir ta' kull wieħed mill-membri li jagħmel kemm jista' biex il-Għaqda titwettaq, tissaħħaħ u tikber u mhux tibqa' mdendla minn ħarira bejn ħajja u mewt. Dan jitolbu l-ġieħ tal-Għaqda u l-ġieħ ta' Pajjiżna: għaliex jekk din il-Għaqda, wara ħajja ta' ħames snin, tibda tħoss, tixxaqqaq, tiġġarraf, kullħadd ikun jista' jgħid jew li min bnieha ma għarafx jirfidha tajjeb, u dan jagħmel għajb lilna tal-Għaqda, jew l-art li fuqha inbniet, taħlija u minn qaddîsha ma tiflaħx bini ta' din is-sura; u dan jagħmel għajb lil Malta kollha.